MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 12/2008

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Eric (Id. 614955M) u Mary Doris
(Id. 267058M) konjugi Bugeja.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas minghand il-konvenuti *in solidum*, tas-somma ta' erba mija, hamsa u ghoxrin Ewro u sitta u disghin centezmu (€425.96), ekwivalenti ghall-valuta antika ta' Lm182.86, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numri 21374339. Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghall-hlas, baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta Mary Doris Bugeja li eccepiet (i) illi fl-ewwel lok hi qatt ma ffirmat u lanqas irratifikat l-applikazzjoni ghas-servizz tat-telefon mertu ta’ din il-kawza, u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) illi l-fond li fih gie nstallat is-servizz tat-telefon in kwistjoni m’ghandhiex access ghalih l-esponenti, u ghalhekk kien impossibbli ghaliha li taghmel uzu mill-istess servizz; (iii) illi fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut Eric Bugeja ghamel uzu mis-servizz tat-telefon de quo ghall-iskopijiet illeciti u immorali tieghu, u ghalhekk il-kreditu vantat mis-socjeta’ attrici ghandu jithallas minnu biss; (iv) illi fir-raba lok, u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, il-kreditu vantat mis-socjeta’ attrici m’huwiex kontemplat mill-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili, u ghalhekk qatt ma jista’ jaggrava l-komunjoni ta’ l-akkwisti.  Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.  Bl-ispejjes.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut Eric Bugeja gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Sema’ x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri prodott mis-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda tal-konvenuta Mary Doris Bugeja.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi t-talba ghal hlas ta' l-ammont ta' €425.96 maghmula mis-socjeta' attrici qed issir kontra zewg konvenuti li kienu u ghadhom mizzewgin sa llum, kif jirrizulta mix-xhieda tal-konvenuta stess li kkonfermat illi l-partijiet huma biss separati '*de facto'* u l-proceduri ta' separazzjoni personali ghadhom pendenti.

Illi l-ebda wiehed jew wahda mill-konvenuti ma kkontesta l-fatt illi l-ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici. Fil-fatt kif gie spjegat 'l fuq, il-konvenut ma ghamel l-ebda risposta u inqas u inqas ma tela jixhed, filwaqt illi l-konvenuta, la fl-eccezzjonijiet taghha u lanqas fix-xhieda taghha ma kkontestat il-fatt illi l-ammont huwa effettivament dovut. Minn-naha l-ohra, il-P.L. Noel Scerri li gie prodott mis-socjeta' attrici kkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub ghadu dovut sa llum.

Illi l-applikazzjoni ghas-servizz fil-fond 'Garage 85', Triq Bernardette, San Gwann, giet iffirmata mill-konvenut Eric Bugeja biss, fit-2 ta' Dicembru 2005. Madankollu l-fatt illi l-konvenuta ma ffirmatx tali applikazzjoni ma jfisser xejn ghaliex minn imkien ma johrog illi applikazzjoni ghal servizz telefoniku ghandu jigi ffirmat miz-zewg konjugi. Lanqas ma jirrizulta illi fiz-zmien meta saret l-applikazzjoni, l-konjugi Bugeja kienu diga separati 'de facto.' Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ghandha tigi michuda.

Illi skond id-Dokument 'A', esebit mis-socjeta' attrici (a fol. 2 tal-process), jidher illi s-servizz telefoniku in kwistjoni gie mitlub ghal skopijiet mhux residenzjali, izda ta' negozju – '*For Business Purposes'*. Fil-fatt il-konvenuta, alavolja xehedet illi ma kellhiex access ghall-fond in kwistjoni, qalet ukoll illi l-fond in kwistjoni kien jintuza bhala '*store*' ghall-*business* tagha u tar-ragel taghha. Hija xehedet illi dan il-*business* kien kemm taghha kif ukoll tar-ragel taghha, u li t-tnejn li huma kienu wellewh flimkien lill-terzi fis-sena 2006. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta ma treggix u ghandha tigi michuda.

Illi tenut kont ta' dan, it-Tribunal jidhirlu li t-talba tas-scojeta' attrici gustament saret kontra z-zewg konvenuti

flimkien, u li dawn ghandhom jigu kkundannati *in solidum* ghall-hlas tal-ammont dovut, stante li l-'*business*' in kwistjoni kien tat-tnejn, u s-servizz telefoniku kien proprju servizz relatat mall-*business* in kwistjoni. F'dan is-sens ir-raba eccezzjoni tal-konvenuta ma treggix u ghandha tigi michuda.

Illi fl-ahharnett ma ngabu l-ebda provi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-konvenuta u ghalhekk tali eccezzjoni ghandha tigi michuda wkoll.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuti *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu l-ammont ta' erba mija, hamsa u ghoxrin Ewro u sitta u disghin centezmu (€425.96), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------